MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2009

Numru. 388/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**Joseph Portelli bin Francis u Mary nee' Spiteri, imwieled fil-15 ta' Ottubru, 1969 u residenti Sea Angel, Triq Sant Andrija, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 440469(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Joseph Portelli li gie akkuzat talli nhar is-17 ta' April, 2007 ghal habta ta' 07:45 hrs gewwa Sqaq il-Fgura, Gharb, Ghawdex:

1) Saq vetura bil-mutur minghajr numri ta' registrazzjoni;
2) Aktar talli saq l-imsemmija vettura f'post li minnu jghaddi t-traffiku minghajr ma kienet licenzjata ghat-triq;

3) Aktar talli saq l-imsemmija vettura bil-mutur minghajr ma kienet koperta b'polza t'assikurazzjoni;
4) Aktar talli ghamel hsara nvolontarja fuq vettura GBB 696 ta' ghamla Opel ghad-dannu ta' Marlene Xerri mill-Gharb, Ghawdex;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija l-akkuzat jigi skwalifikat mill-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li l-istess Qorti jidrilha li hu xieraq;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'zewg tipi ta' akkuzi u cioe' l-akkuzi in konnessjoni ma' dak li jiddisponi l-Kapitolu 65 u 104 tal-Ligijiet ta' Malta u dak tal-hsara nvolontarja ai termini tal-Artikolu 328 tal-Kapitolu 9;

Illi ghar-rigward tal-ewwel tliet (3) akkuzi jirrizulta mix-xhieda ta' Saviour Farrugia bhala rapprezentant tal-Awtorita' dwar it-Trasport illi l-excavator in kwistjoni li kien involut f'din il-kollizzjoni ma hijiex klassifikata bhala vettura u ma jinhargu l-ebda tip ta' licenzji ghar-rigward ta' dawn it-tip ta' gafef. Fil-fatt jidher illi sabiex jinhargu fuq it-triq dawn jingarru fuq karru u huwa l-karru illi jrid ikun mghammar bin-number plates u bid-dwal;

Ghaldaqstant l-ewwel tliet (3) akkuzi ma jirrizultawx peress illi d-dispozizzjonijiet tal-ligi li tahthom l-imputat jinsab akkuzat ma japplikawx ghall-gaffa jew excavator involuta f'din il-kollizzjoni;

Illi ghar-rigward tal-ahhar akkuza l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi migjuba quddiemha sabiex tistabbilixxi jekk l-imputat fil-fatt harigx xi parti minn din il-gaffa ghal fuq it-triq biex b'hekk laqat il-vettura tal-parti leza li f'dak il-hin kienet ghaddejja mit-triq;

Illi l-imputat jikkontendi illi huwa fl-ebda hin ma caqlaq il-gaffa mill-pozizzjoni fejn kienet wieqfa, fejn kien qed isir xoghol ta' skavar. Il-Qorti ma tistax temmen il-verzjoni moghtija mill-imputat u dana ghas-segwitu ragunijiet;

Illi mir-ritratti documenti 'C' u 'E' jidher illi t-trakk li ghal fuqu kien qed jinhatt it-terrapien minn din l-excavator jinsab fuq in-naha l-ohra tat-triq faccata l-istess excavator;

Illi Alan Buttigieg, ix-xhud imressaq mid-difiza, jghid illi meta huwa mar fuq il-post ftit tal-hin qabel it-trakk kien fuq l-istess naha tat-triq fejn kien hemm il-gaffa. Dana jfisser ghalhekk illi l-imputat bilfors caqlaq it-trakk u pparkjah fuq in-naha l-ohra tat-triq biex b'hekk huwa kellu jesporgi ghal got-triq bil-gaffa. Fil-fatt Buttigieg stess jghid, illi sabiex il-gaffa tingarr minn fuq il-post trid tinhareg ftit ghal fuq it-triq imbaghad tittella' ghal fuq it-trakk;

Ghalhekk il-verzjoni moghtija mill-parti leza hija wahda iktar kredibbli. Li gara kien illi hekk kif hija ghaddiet bil-vettura taghha minn hdejn il-gaffa, l-imputat sporga l-istess gaffa ghal fuq it-triq minghajr ma ha l-prekawzjonijiet necessarji biex b'hekk laqat il-vettura li kienet ghaddejja dak il-hin ta' Xerri;

Illi anki l-verzjoni tal-hsara timmilita' favur il-verzjoni tal-parti leza fejn mix-xhieda ta' Joe Magro li hareg l-istima Dok 'G', jirrizulta illi l-bieba u l-mudguard kienu mghattna madwar zewg (2) pulzieri u nofs min-naha ta' isfel u ghalhekk iridu jinbidlu. Ghalhekk din il-hsara kienet konsistenti f'ghafsa zghira u mhux biss brix kif tikkontendi d-difiza. Illi mill-istess Dok 'G', mhux kontestat mid-difiza, jidher illi l-hsara tammonta ghal mitejn u tmienja u erbghin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€248,75) u kif ukoll ghal erba' mija u erbgha u tletin u tletin ewro u wiehed u tletin centezmu (€434.31). Ghalhekk ir-raba akkuza tirrizulta ppruvata;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 328 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel tliet (3) akkuzi migjuba fil-konfront tieghu,

issibu hati tar-raba akkuza u tikkundannah ihallas multa ta’ mitt ewro (€100);

Il-Qorti finalment wara li rat l-Artikolu 532 A tal-Kapitolu 9 tordna lill-imputat ihallas lill-parti leza s-somma ta’ sitt mija u tlieta u tmenin ewro u sitt centezmi (€683.06).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------